**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 95/17**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mavrick Zammit**

Illum il-15 ta' Dicembru 2022

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil Mavrick Zammit, 28 sena, bin Joseph u Elizabeth nee' Fenech, imwieled Pieta', nhar id-19 ta' April, 1988 residenti fil-fond numru 109, Joealice, Triq Amleto Spiteri, Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 193188M

U akkuzatu talli nhar il-05 ta' Frar, 2017, gewwa Copsicua;

a) Talli ghal habta ta bejn is-saghtejn u s-saghtejn u ghaxra ta wara nofsinhar (1400hrs — 1410hrs), gewwa Triq fuq San Pawl, Bormla, u diversi toroq ohra gewwa Cospicua, bil-hsieb li jaghmel ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christian McKay wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi saq il-vettura tal-ghamla Hyundai tip Accent bin-numru tar-registrazzjoni CAD361, u biha habat diversi drabi ghal gol-vettura tal-ghamla Hyundai tip Accent bin-numru tar-registrazzjoni ROD182 waqt li kienet misjuqa minn Christian McKay, liema delitt ma giex ezegwiet minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu;

b) Talli fl-istess data hin, lok u cirkustanzi volontariament ghamel hsara fuq il-vettura tal-ghamla Hyundai tip Accent bin-numru tar-registrazzjoni ROD182, li jammonta ghal aktar minn mitejn tnejn u tlettin Ewro, u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u cioe' elf sitt mija, hamsa u sebghin Ewro u sitta u sittin centezmu (€1675.66) u dan ghad detriment ta Maria Nicolina McKay;

c) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura tal-ghamla Hyundai tip Accent bin-numru tar-registrazzjoni CAD361 b'manjiera traskurata kbira, u perikoluza;

d) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed jsuq l-imsemmija vettura naqqas li jkollu kontrol shih tal-vettura u vista shiha tat-triq u tal-vetturi;

e) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza, bla kont, traskuraggni, negligenti, bi *speed* eccessiv u naqas milli jhares ir-regolamenti tat-traffiku;

f) tali nhar il-05 ta Frar, 2017, ghal habta tas-saghtejn u ghaxra ta Wara nofsinhar (1410hrs) gewwa Triq Fuq San Pawl, Cospicua, volontarjament kiser il-bon ordni jew it-paci pubblika b'ghajjat, glied u storbju;

g) talli nhar il-05 ta Frar, 2017, ghal habta tas-saghtejn u ghaxra ta Wara nofsinhar (1410hrs) gewwa Triq Fuq San Pawl, Cospicua ikkommetta offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Christian McKay hekk kif iccertifikah Dr Patrick Galea MD (Reg No 3481);

h) U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Mavrick Zammit a beneficcju ta' Christian McKay u familja tieghu u dan fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Christian McKay u familja tieghu jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Mavrick Zammit b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar l-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

[1] Folio 13 ta' l-atti processwali
[2] Folio 34-39 ta' l-atti processwali

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-18 ta' Jannar 2022.[3]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar id-9 ta' Marzu 2022.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-kaz jikkoncerna incidenza ta'attentat ta' feriti gravi, allegata hsara volontarja fuq vettura ROD-182 kif ukoll l-ikkagunar ta' griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Christian McKay mill-imputat Mavrick Zammit, fil-kuntest ta' argument dwar tfajla, li sehh f'Bormla, nhar il-5 ta' Frar 2017.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

---

[3] Folio 123 ta' l-atti processwali

[4] Folio 130 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020 xehed **Stephen Cachia**[5], in rapprezentanza tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Spjega li minn ricerka li huwa ghamel, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAD-369 hija tal-ghamla Hyundai Accent ta' kulur ahdar u fiz-zmien relevanti kienet registrata fuq certu Shana Cassar.[6] Spjega ukoll li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ROD-182 hija ukoll ghamla Hyundai Accent b'kulur vjola. Fiz-zmien relevanti kienet tghajjat lil certu Marianne Cassar.[7] Ikkonferma li l-imputat Mavrick Zammit ma ghandu l-ebda licenzja tas-sewqan.[8]

Il-*parte civile* **Christian McKay**[9] xehed fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020. Spjega li fiz-zmien li sehh l-incident in kwistjoni, huwa kien f'relazzjoni ma certu Shania Cassar minn Bormla u fi kliemu, din kienet qed tibdlu mal-imputat Mavrick Zammit, li gharaf u identifika fl-awla. Fil-jum in kwistjoni kien inqala' argument bejnu u l-imputat. Hekk kif fetah il-bieba tal-karozza, l-imputat saq ghal go fih bil-konsegwenza li ghaffigha mal-*mudguard* ta' quddiem. Minn hemm qabdu jsuqu wara xulxin bil-karozzi – l-imputat quddiem u hu wara – u spiccaw hdejn l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla, fejn kompla l-argument bl-idejn u l-imputat laqghat lill-*parte civile* bil-ponn ma rasu u ma xofftu. Spjega li l-karozza ROD-182, Hyundai Accent ta' lewn ahdar, kienet ta' ommu Marlene McKay.

Meta x-xhud kien muri ic-certifikat mediku esebit fl-atti[10] ikkonfermah u stqarr li l-griehi li sofra kienu konsegwenza tal-hbit mal-karozza.  Ghar-rigward il-griehi sofferti minhabba l-imputat, ix-xhud stqarr:

---

[5] Fol. 46-48 ta' l-atti processwali.
[6] Dok SC1, Folio 49-50 ta' l-atti processwali
[7] Dok SC2, Folio 51-54 ta' l-atti processwali
[8] Dok SC3, Folio 55 ta' l-atti processwali
[9] Fol. 56-67 ta' l-atti processwali.
[10] Folio 6 ta' l-atti processwali

*"Xhud: Meta tani just laqatni hekk go mohhi, imma*

*Qorti: Imma meta tghid li tak, kif tak?*

*Xhud: Bil-ponn hux."*[11]

Kompla jispjega:

*"Qorti:…… Issa hu x'ghamilek ezatt?*

*Xhud: Hu just kif seta' jerfa jdejh biex niftehmu lahaq hadni daqqa wahda. Go hawn u wahda naqra fuq xuffetejja imma".*[12]

Dwar l-incident ix-xhud spjega li ra lil-imputat gej ha jsuq ghal fuqu. Meta gie muri r-ritratti esebiti fl-atti[13] ikkonferma l-vetturi koncernati.

In kontro-ezami, il-parte civile stqarr li huwa kien qieghed fir-residenza fejn kienet toqghod Shania Cassar u nizel isfel biex jara min kien il-persuna li beda jghajjat li kien *"qed itellghalu l-qrun"*. L-imputat kien fil-karozza jistenna lil Shania Cassar. Qabel mas-suggeriment illi huwa hareg l-ewwel fil-gallarija u imbaghad isfel biex isegwi fejn kienet sejra Shania Cassar. Ikkonferma li hdejn l-Ghassa, kien hu li baqa' diehel fil-karozza tal-imputat. Wara l-incident, huwa kien skrappja l-karozza.

**Shana Cassar**[14] xehdet fl-istess seduta. Ikkonfermat li l-imputat kien is-sieheb taghha filwaqt li l-*parte civile* huwa l-eks taghha, u li mieghu ghandha tlett itfal. Kienet konvinta li meta sehh l-incident, Christian McKay mar bit-tir specifiku li jsawwatha u skont hi, kellu *"qisu xi njama jew xi haga"* biex jiggieled biha. Kompliet tispjega li hekk kif l-imputat beda jsuq biex jitilqu minn fuq il-post,

[11] Folio 59 u 60 ta' l-atti processwali
[12] Folio 60 ta' l-atti processwali
[13] Folio 12 ta' l-atti processwali
[14] Fol. 68-91 ta' l-atti processwali.

Christian McKay fetah il-bieba tal-passiggier ghal fuqhom bil-konsegwenza li l-karozza tal-imputat gibdet il-bieba maghha. Huma baqghu isuqu lejn l-Ghassa ta' Bormla u Christian McKay baqa' jsegwihom u laqat il-karozza minn wara diversi drabi. Ix-xhud ma ratx jekk kienux gew fl-idejn hdejn id-dar taghha, izda kkonfermat li aggredew lil xulxin hdejn l-Ghassa, wara li Christian McKay tant dahal bis-sahha fuq wara tal-karozza li tefaghha fuq karozza ohra li kienet wieqfa. Spjegat li l-karozza li kien qed isuq l-imputat, u cioe` dik ta' lewn ahdar kienet fil-fatt taghha. Ikkoncediet li l-imputat kien ukoll refa' jdejh fuq McKay hdejn l-Ghassa u t-tnejn bdew joffendu lil xulxin. Fil-fatt, lil McKay, l-imputat *"tah daqqa go halqu"*[15].

In kontro-ezami, ix-xhud ziedet li prezenti ukoll fir-residenza taghha kien hemm ohtha Jasmine Cassar li kienet hi li harget fil-gallarija u ntebhet li kien mar Christian McKay. Spjegat li kient ilha f'relazzjoni mal-imputat ghal madwar sitt xhur, liema relazzjoni bdiet wara li kienet hassret minn ma Christian McKay, konsegwenza tal-imgieba aggressiva tieghu. Tenniet illi din kienet glieda li l-imputat spicca dahal fiha ghal xejn, minhabba li l-konnessjoni kienet bejnha u Christian McKay. Meta kienet pressata sabiex tghid b'mod car x'kien l-involviment ta' l-imputat ikkonfermat li l-imputat refa idejh u beda joffendi lil Christian McKay.

**PS 692 Owen Peter Pace**[16], stazzjonat fl-Ghassa ta' Marsaskala, xehed fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2021. Spjega li nhar il-5 ta' Frar 2017 ghall-habta tas-14:00hrs, huwa kien xoghol fl-Ghassa ta' Bormla meta f'daqqa wahda sema' hoss ta' brejk u imbaghad hoss ta' karozzi jahbtu f'xulxin. Hekk kif hareg mill-Ghassa, ra zewg guvintur jiggieldu bl-idejn u joffendu lil xulxin u jidghu. Wara li tferrqu, irrizulta li kienu l-imputat Mavrick Zammit u certu Christian McKay. Spjega li

[15] Folio 87 ta' l-atti processwali
[16] Fol.112-114 ta' l-atti processwali.

l-ordni tal-kif instabu mahbutin il-karozzi kien li fuq quddiem kienet il-karozza ta' Mavrick Zammit u wara l-karozza ta' Christian McKay. Ix-xhud ikkonferma r-rapport li sard war din l-okkorrenza.

**PC 989 Antoine Cesare**[17], stazzjonat fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar, xehed waqt l-istess seduta. Ikkonferma dak li xehed ix-xhud precedenti dwar l-okkorrenza in ezami. In kontro-ezami, ma kienx kapaci jidentifika min kien hebb ghal min l-ewwel fost Mavrick Zammit u Christian McKay u dan ghaliex meta rahom hu kienu *"maqbudin go xulxin"*. Kien intebat li l-kagun tal-argument kien dwar tfajla.

**Is-Supretendent Josric Mifsud**[18], xehed waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2022. Meta sehh l-incident in ezami huwa kien fl-ufficcju tieghu fl-Ghassa ta' Bormla. Hareg barra u ra l-kommossjoni u zewg irgiel qed jiggieldu. Huwa kien kellem lill-imputat Mavrick Zammit fejn dan stqarr mieghu li kien qieghed ma certu Shana Cassar u kien hemm Christian McKay, li kien l-eks taghha, li saq warajhom, dahal fihom bil-karozza u imbaghad spiccaw fl-idejn sewwasew quddiem l-Ghassa. In kontro-ezami ccara li huwa ma kienx ra l-bidu tal-glieda u allura ma jistax jikkonferma min kien bdiha. Mill-banda l-ohra kkonferma li dwar dan l-incident, Christian McKay kien fil-fatt tressaq il-Qorti ukoll, ammetta u gie ssentenzjat.

**PS 931 Kurt Vassallo**[19], gia` stazzjonat fl-Ghassa ta' Bormla, ukoll ikkonferma dak li xehda l-kollegi tieghu dwar l-incident *de quo*. Bhall-kollegi, ma kienx f'pozizzjoni jindividwa min kien beda l-glieda ghax meta hareg mill-Ghassa, Mavrick Zammit u Christian McKay kienu diga` qed jilletikaw.

[17] Fol. 118-119 ta' l-atti processwali.
[18] Fol.124-125 ta' l-atti processwali.
[19] Fol.126-127 ta' l-atti processwali.

**PS 1051 Brian Joseph Cremona**[20], gia` stazzjonat fl-Ghassa ta' Bormla, xehed fl-istess seduta. Dan ix-xhud ukoll kien prezenti fl-Ghassa ta' Bormla meta sehh l-incident *de quo* u involva ruhu f'li jferraq lil Mavrick Zammit u Christian McKay. Kien prezenti waqt li l-imputat Mavrick Zammit, li huwa gharaf fl-awla, stqarr li Christian McKay kien segwih bil-karozza u habat go fih barra l-Ghassa.

**Franklin Calleja**[21], Registratur tal-Qrati Kriminali, xehed fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022 fejn huwa pprezenta kopja legali ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar id-29 ta' Mejju 2017 fl-ismijiet *"Il-Pulizija vs Christian McKay"*.[22] Madankollu ma pprezenta ebda sentenzi relatati ma l-addebitu tar-recidiva li biha tressaq l-imputat.

**L-imputat Mavrick Zammit**[23] xehed minn rajh fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022. Spjega li fil-jum in kwistjoni, huwa kien ghand in-nanna tat-tfajla tieghu Shana Cassar, li hija l-eks ta' Christian McKay. Telqet tigri t-tarag u tibki ghax *"kien sawwatha"* Christian McKay. L-imputat nizel jigri isfel u ra lil Christian McKay b'hadida f'idu. Hekk kif l-imputat u Shana Cassar dahlu fil-karozza, McKay qabad jaghti mal-karozza bil-hadida u malli l-imputat saq minn fuq il-post, McKay kien pront isegwih bil-karozza u dahal go fih minn wara diversi drabi sa ma waslu hdejn l-Ghassa ta' Bormla u hargu l-Pulizija. Skont l-imputat, hekk kif hareg mill-karozza, Christian McKay *"qabad itini"* bil-ponn u huwa ddefenda ruhu. Sa dak il-hin, Christian McKay kien rema l-hadida li kellu qabel. Kienu l-Pulizija tal-Ghassa ta' Bormla li ferrquhom. In kontro-ezami sostna li whud mill-hsarat imgarrba fil-karozza tieghu kienu rizultat ta' daqqiet ta' hadida li ta Christian Mckay, partikolarment mal-*mudguard* u fejn hemm l-

[20] Fol. 104-105 ta' l-atti processwali.
[21] Fol. 131 ta' l-atti processwali.
[22] Dok FC1, Folio 132-136 ta' l-atti processwali
[23] Fol. 137-139 ta' l-atti processwali.

*indicator*. Ikkonferma li huwa kien laqat il-bieba tal-karozza ta' Christian McKay hekk kif prova jitlaq u jsuq lejn l-Ghassa.

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Illi l-Qorti ma tistax tosserva li minkejja li l-incident sehh fil-5 ta' Frar 2017, l-ewwel darba li -prosekuzzjoni bdiet il-kaz taghha u ressqet l-allegat vittma u xhieda pajzana kien nhar il-5 ta' Marzu 2020 – erba snin wara. Illi wiehed ma jistax ma josservax li dewmien ezagerat ta' dan it-tip serva biss biex fixkel l-istess kaz tal-prosekuzzjoni ghaliex erba snin wara l-memorja tax-xhieda qatt ma hi ser tkun ezatta daqs li kieku x-xhieda kienu tressaq fil-gimghat jew xhur immedjatament wara l-akkadut. Illi dan qed jinghad ukoll tenut kont tal-fatt li l-vittma li kien tressaq il-Qorti fuq dan l-istess incident kien tressaq fi ftit gimghat wara l-incident filwaqt li l-imputat f'dan il-kaz qatta l-ewwel erba snin jistenna sabiex jinstemghu l-provi.

Il-Qorti ma tistax ma ticcensurax dan l-agir meta dan id-dewmien certament sejjer jimpatta serjament il-kwalita ta' xhieda li tista tinghata kif ukoll jimpingi fuq id-dritt ta' imputat ghal smiegh fi zmien xieraq oltre l-fatt li ghix hames (5) snin b'din il-kawza imdendla fuq rasu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li hafna mir-responsabbilita ta' l-incident kien inbeda mill-allegat vittma stess Christian McKay li kien qed jireaggixxi ghall-fatt li l-ex-tfajla tieghu, li minnha ghandu t-tfal bdiet relazzjoni ma l-imputat. Jirrizulta wkoll li l-istess McKay kien refa r-responsabilita tieghu f'dan l-incident u kien ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha imressqin kontrih meta kien tressaq fuq akkuzi relatati ma dan l-incident.

Mix-xhieda kollha prodotta mhuwiex kontestat, lanqas mill-parte civile stess, ir-rwol kontributorju tieghu ghall-hsara u s-sewqan li kien sehh u li finalment kienu spiccaw jargumentaw u gew fl-idejn quddiem l-ghassa tal-Bormla.

Illi l-imputat, kif ukoll is-siehba tieghu Shana Cassar fix-xhieda taghhom jikkontendu li l- l-imputat kien qed jiddenfendu lilu nnifsu u li kien McKay li beda jsegwihom u ikkaguna l-hsara. Filwaqt li huwa minnu li gew fl-idejn skond dawn ix-xhieda dan sar ghaliex l-imputat kien qed jidefendi lilu nnifsu minn McKay stess.

Meta qieset il-verzjonijiet kif imressqa u rat id-dokumenti esebiti l-Qorti rat li ma tressqitx prova sufficjenti li l-imputat ikkaguna hsara volontarja fuq l-vettura ta' McKay kif ukoll li kellu xi intenzjoni li iwettaq ferita gravi fuqu. Jirrizulta wkoll, u dan anke mix-xhieda ta' McKay li kien McKay li kien qed isuq wara l-imputat.

Il-Qorti tqis li a bazi ta'dawn il-fatti ma tistax tqis li l-imputat huwa hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet.

Madankollu irrizulta li l-imputat qatt ma kellu licenzja tas-sewqan. Dan il-fatt wahdu, ghandu jitqies bhala sewqan traskurat. Madankollu, mill-assjem tal-provi ma giex ipprovat li l-imputat kien qed isuq b'traskuragni 'kbira' kif trid il-ligi, jew b'mod perikoluz. Ghaldaqstant, sejra tqis li t-tielet imputazzjoni hija soddisfatta, izda mhux ai termini tal-artikolu 15 (2) tal-Kap. 65, izda biss ai termini tar-reat kompriz u involut tal-art. 15 (1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet, ossija ta' sewqan traskurat – u dan stante li rrizulta li kien qed isuq minghajr licenzja.[24] Lanqas ma jista' jinghad li ngiebet xi prova li l-imputat kien qed isuq minghajr ma kellu l-kontroll shih tal-vettura jew il-vista shiha tat-triq, u lanqas li saq bi

[24] Ara f'dan is-sens is-sentenza **Pulizija vs Duncan Buttigieg** (Qorti tal-Appell Kriminali, 27 ta' Frar 2017)

speed eccessiv. Din il-Qorti tqis li dawn iz-zewg imputazzjonijiet ma gewx sodisfacentement ipprovati.

Illi ghar-rigward is-sitt imputazzjoni tqis li din giet ipprovata mix-xhieda li xehdu li raw il-glied quddiem l-ghassa tal-Bormla.

Fir-rigward tas-seba' imputazzjoni, il-prosekuzzjoni la ressqet it-tabib jew affidavit ta' l-istess tabib bhala prova tac-certifikat mediku esebit mill-prosekuzzjoni. Il-Qorti tqis ukoll li d-difiza ta' l-imputat li kien qed jiddefendi lilu nnfisu fic-cirkostanzi ta' kif sehh l-incident hija kredibbli u tohloq dubju ragonevoli u ghaldaqstant sejra tilliberah ukoll minn din il-imputazzjoni.

Dwar it-tmien imputazzjoni, jirrizulta li l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda provi ghar-rigward ta' l-addebitu tar-recidiva u minkejja li giet esebita l-fedina penali ta' l-imputat din il-Qorti ma tistax tistrieh fuqha bhala l-aqwa prova u ghaldaqstant sejra tghaddi sabiex tilliberah minn din il-imputazzjoni wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[25] Fil-fedina penali ta' l-imputat li mhix netta jinstabu registrati diversi sentenzi kontra l-imputat relatati ma reati fuq il-persuni kif ukoll relatati mas-sewqan.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 216, 218, 325(1)(b), 338(dd), 221, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 68 tar-

[25] Folio 4-5 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali

Regolament dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11) issib lil Mavrick Zammit **mhux hati** ta' l-ewwel, tat-tieni, tar-raba', tal-hames, tas-seba' u tat-tmien imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena, filwaqt li ssibu **hati** tat-tielet imputazzjoni biss fir-rigward ta' sewqan traskurat ai termini tal-artikolu 15 (1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u tas-sitt imputazzjoni dedotti kontrih u tikkundannah ghal multa komplessiva ta' hames mitt Euro (€500) filwaqt li tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet (3) xhur millum.

**Moghtija illum nhar il-15 ta' Dicembru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**